# Il-Gvern Lokali fiż-Żejtun fis-Seklu XIX 1801 - 1896

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

## Progress mill-Kunsill Lokali

Qegħdin naqraw ħafna dwar il-Kunsilli lokali mmexxija mill-Onor. Sindki tagħhom, u nisimgħu ħafna fuqhom. Jidher li l-esperiment tal-Kunsilli Lokali rnexxa ġmielu u l-Maltin tgħallmu japprezzaw ix-xogħol li huma qegħdin jagħmlu fil-bliet u rħula rispettivi tagħhom. Prova ta' dan l-apprezzament hu n-numru għoli ta' ċittadini li qegħdin jieħdu sehem f'kull votazzjoni li ssir għall-Kunsilli Lokali kull darba li jkollna xi elezzjoni.

Dan hu sinjal tajjeb u jawgura ħafna għall-futur interessanti u siewi ta' dawn il-Kunsilli. Pass wara l-ieħor, il-Gvern Ċentrali qiegħed jiddelega iżjed awtorita`, responsabbilta` u ħidma lill-Kunsilli Lokali, li m'humiex ħaġ'oħra ħlief **forma ta' Gvern Lokali**, mtella' demoktratikament miċ-ċittadini, l-istess bħalma jintgħażel il-Gvern Ċentrali.

## Għażla Demokratika fi żmienna

Ta' min igħid iżda, li din mhux l-ewwel darba li ż-Żejtun kellu forma ta' Gvern Lokali. L-awtoritajiet Ingliżi f'Malta din il-ħaġa komplewha, wara li kienu l-'Franċiżi' li bdewha, mill-bidu nett tas-seklu XIX. Biss sena waħda wara li l-Maltin flimkien ma' l-Ingliżi keċċew lill-Franċiżi mill-Gżejjer Maltin fl-1800, il-Kummissarju Ċivili Ingliż ħatar **numru tal' Loutenenti għall-ibliet u rħula ta' Malta** (1). Dawn l-ewwel logutenenti jissemmew fi proklama tas-segreterija tal-Gvern bid-data 9 ta' Mejju, 1801. Fiż-Żejtun ġie maħtur is-Sur Ġużeppi Abela. Iżda mill-ewwel tidher id-differenza fundamentali minn kif jinħatru s-Sindki ta' żmienna. Filwaqt li **aħna stess illum nagħżlu l-membri kollha, inklużi s-Sindki tal-Kunsilli Lokali** bil-voti tagħna, fi żmien l-Ingliżi mhux hekk kien isir. Kien ikun il-Kummissarju Ċivili Ingliż (jew il-Gvernatur kif beda jissejjaħ aktar tard) li jagħżel lil min irid hu bħala Sindku (li għall-bidu kien jissejjaħ Logutenent). Illum huma l-kunsilliera magħżula miċ-ċittadini li bejniethom jagħżlu lis-sindku ta' kull post. L-idea ta' demokrazija l-Ingliżi damu ħafna biex daħħluha hawn Malta, ukoll għall-Gvern Ċentrali, aħseb u ara għall-Gvern Lokali. Barra minn hekk, għall-ewwel snin is-Sindku kien ikun waħdu - ma kellu ebda għajnuna minn xi kunsilliera. Kien biss fis-sena 1852 li l-Ingliżi bdew jaħtru xi kumitati distrettwali biex igħinu lis-Sindki fil-ħidma tagħhom.

## Seba' Sindki fiż-Żejtun

Matul is-seklu XIX iż-Żejtun kellu seba' Sindki responsabbli minnu. Għall-bidu ma kienux jissejjħu "Sindki", iżda "Logutenenti" jew "Deputati Loguntenenti". Dawn is-sebgħa kienu: Ġużeppi Abela, Pietru Pace, Antonio Baldassere Castagna, Dr. Filippo Falzon, Dr. Francesco Saverio Dimech, Dr. Paolo Curmi u Dr. Rocco Carbone (2). Ejjew issa neħduhom wieħed, wieħed, u ngħidu xi ħaġa dwar l-amministrazzjoni tagħhom, biex naraw kif huma influwenzaw il-ħajja fiż-Żejtun. Kull tant ikun jeħtieġilna nitkellmu dwar xi membru tal-familja tagħhom. Ma nistgħux nitkellmu fit-tul, għaliex l-ispazju ma jippermettilniex.

## Logutenenti Ġużeppi Abela (1801 - 1816)

Abela fiż-Żejtun fis-17 ta' Ġunju 1753. Ta' 30 senu hu żżewweġ lil Domenica Bonavia minn Ħal Luqa, iżda ġew joqogħdu fi Triq Santa Marija, fiż-Żejtun. Kellhom erbat itfal: Margerita, li baqgħet xebba, Tumas li sar saċerdot, Vincenzo li sar Tabib u Maria Tereża, li żżewġet fil-familja Castagna, li kellha sehem importanti ħafna fl-istorja taż-Żejtun. Wara li mititlu Domenica, Ġużeppi Abela żżewweġ

lil ohtha Anna. Fir-rewwixta kontra l-Franċiżi hu **kien il-kmandant tal-battaljun taż-Żejtun**, li kien l-akbar battaljun ta' Malta u kien jiġbor fih 357 suldat. Barra li kien jagħmlu s-servizzi f'diversi trunċieri kontra l-għadu, iż-Żwieten ħadu sehem fi **tliet battalji prinċipali:** a) ir-rebħa tat-Torri San Tumas, f'Wied il-Għajn; b) attakk fuq il-Fortizza tas-Salvatur u Bighi - l-istorja tas-salib tal-Pjazza u ċ) flimkien maż-Żabbarin reġġgħu lura lill-Franċiżi meta dawn ħarġu jattakkaw il-kampanja u saħansitra għall-ewwel irnexxielhom jaslu sa kważi quddiem il-knisja parrokkjali taż-Żejtun (3). Wara r-rebħa **Abela ġie magħżul fl-1801 mill-Kummissarju Ċivili bħala l-ewwel Logutenent taż-Żejtun**. Mhux hekk biss, Alexander Ball, bħala sinjal ta' gratitudni għas-sehem tagħhom kontra l-Franċiżi, bena għall-mexxejja Maltin numru ta' ġonna. Taż-Żejtun, li għadu sal-lum jissejjaħ miż-Żwieten "Il-Ġnien tal-Kmandant" (illum l-isem uffiċjali tiegħu hu Ġnien Mikiel Cachia") Ball sintendi tah lil Ġużeppi Abela. Kellu jkun Mikiel Cachia, Żejtuni ieħor, li bena dawn il-ġonna f'Malta.

Ġużeppi Abela baqa' jissejjaħ "Logutenent" sas-sena 1815, meta wara li l-Gvernatur Sir Thomas Maitland għamel xi tibdil fi-sistema amministrattiva, hu beda jissejjaħ **"Deputat Logutenent"**. Abela miet fl-14 ta' Ġunju 1816, fl-għomor ta' 63 sena f'dar li kellu fil-kampanja, viċin il-kappella ta' San Niklaw, illum fil-limiti ta' Marsaxlokk.

## 2. Deputat Logutenent Pietru Pace (1816 - 1837)

Pietru Pace, Żejtuni ieħor, laħaq **Deputat Logutenent** wara l-mewt ta' Ġużeppi Abela. Pace, bin Duminku u Gratia, imwielda Castagna, twieled fiż-Żejtun nhar it-18 ta' Ġunju, 1766. Min-naħa t'ommu kien ġej minn familja rinomata li kellha sehem kbir fil-qawmien kontra l-Franċiżi. Biżżejjed ngħidu li kuġinuh **Filippu Castagna** kien mexxej ta' battaljun li ħa sehem f'diversi taqtigħat, fosthom ir-rebħa ta' Torri San Tumas. Ħa sehem ukoll fil-ġlied li sar f'Għawdex, u wara r-rebħa ġie magħżul bħala Logutenent ta' Bormla u ta' l-Isla u aktar tard Gvernatur t'Għawdex. **Ġanni Castagna**, kuġinuh ieħor min-naħa t'ommu, kien depuat mexxej taż-Żwieten kontra l-Franċiżi u wara ntgħażel Logutenent ta' Bormla, meta spiċċa Filippu Castagna minn hemm. Dan Ġanni kien Żejtuni wkoll, kien in-nannu ta' **Pietru Pawl Castagna** li kiteb l-Istorja ta' Malta u għandi naħseb li kulma kiteb dwar il-ġlied fiż-Żejtun, Pietru Pawl semgħu mingħand nannuh! U għalhekk jien m'għandi l-ebda dubju dwar il-veraċita` ta' dak li qal fuq iż-Żejtun.

Pietru Pace iżżewweġ lil Pawla Tanti fiż-Żejtun nhar is-16 ta' Mejju, 1809 (4), u kien joqgħod bil-familja tiegħu fid-dar nru. 235, taż-żona Ħerba, Triq Xejba (5). Insibu li fis-sena 1822 hu diġa` kellu dawn l-ulied: Ġużeppi (11-il sena) Gratia (9) u Duminka (6).

## Riforma minn Sir Thomas Maitland

Fl-1815 Sir Thomas Maitland kien qasam lill-Gżejjer Maltin f'sitt distretti, u kien għażel Logutenent għal kull distrett mill-klassi nobbli. Kull Logutenent kien inkarigat mis-supretendenza ċivili ġenerali (6). Din kienet ir-raġuni li għaliha minn dik is-sena Ġużeppi Abela, u warajh Pietru Pace, kienu jissejjħu biss "Deputati Logutenenti". Għad-"Distrett Żejtun", li kien jiġbor miegħu lil Ħaż Żabbar, Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, il-Gudja, Ħal Luqa u Raħal Ġdid, kien il-Baruni Pasquale Sciberras li ntgħażel Logutenent. Fl-1819, żmien Pietru Pace, id-dmirijiet tad-Deputati Logutenenti ġew mqassmin fi tlieta: i) Maġistrati Ċivili, li setgħu jaqtgħu kawżi li ma jilħqux aktar minn 25 skud; ii) Uffiċjali tal-Pulizija, biex iżommu l-ordni fir-raħal u iii) Kapijiet tal-irħula, biex jibgħatu rapporti tat-twelid, żwiġijiet, imwiet, eċċ (7). Fil-Biblijoteka Nazzjonali hemm żewġ reġistri li Pietru Pace kien bagħat lill-Ispettur Ġenerali tal-pulizija bejn is-snin 1817 u 1833. Għandhom valur għal min irid jistudja l-ħajja soċjali taż-Żejtun fl-ewwel snin tal-perjodu Ingliż. Pietru Pace miet fl-24 ta' Ottubru, 1837, fl-eta` ta' 71 sena (8). Martu Pawla mietet erba' snin warajh.

## 3. Deputat Logutenent Antonio Baldassere (1837 - 1839)

Għall-ewwel l-awtoritajiet Ingliżi kienu jfittxu li l-Kapijiet ta' l-Irħula jkunu rġiel mill-istess raħal. Għal darb'oħra naraw membru tal-familja

Castagna jintgħazel bħala Deputat Logutenent taż-Żejtun, inkarigat mit-tmexxija tar-raħal. Castagna ma kienx ġdid għall-kariga, għaliex diġa` qabel hu kien inħatar Deputat Logutenent ta' Ħal Tarxien fis-sena 1833, wara l-mewt ta' Ġużeppi Montebello, li wkoll kellu sehem fir-rewwixta kontra l-Franċiżi. Wara Ħal Tarxien, Castagna kien ukoll għamel żmien qasir bħala Deputat Logutenent ta' Ħaż Żebbuġ (9), u fl-1 ta' Novembru 1837, ġie maħtur Deputat Logutenent. Iżda ma damx żmien twil f'din il-kariga. Li ġara kien dan: diġa` fis-sena 1836 kienet ġiet Kummissjoni mir-Renju Unit li għamlet ċerti rakkomandazzjonijiet fl-amministrazzjoni tal-Gżejjer Maltin (10). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew milqugħa u fl-1839 ħarġet ordinanza li permezz tagħha l-uffiċji ta' Logutenent u Deputat Logutenent ġew imneħħija. Malta ġiet maqsuma f'distretti ġodda u ż-Żejtun sab ruħu fis-seba' distrett li tiegħu kien il-qalba. **Minn dak iż-żmien 'l quddiem, il-kap tar-raħal beda jissejjaħ Sindku.** Ġie stabbilit ukoll li kull sindku kellu jkun avukat. **Ir-residenza tas-Sindku tas-Seba' Distret kellha tkun iż-Żejtun.**

## 4. Sindku Dr. Filippo Falzon (1839 - 1846)

Dr. Filippo Falzon, **l-ewwel Sindku taż-Żejtun**, diġa` kellu esperjenza t'amministazzjoni ċivili, għaliex fit-22 t'Awissu, 1837, hu kien inħatar Deputat Logutenent ta' Ħaż Żabbar, wara l-mewt ta' Francesco Pirotti. Dr. Falzon li allura kien joqgħod fiż-Żejtun bħala Maġistrat Ċivili, kap tad-distrett u uffiċjal tal-Pulizija, kien responsabbli taħt l-ordnijiet tal-Gvern, mis-sorveljanza ġenerali, mhux taż-Żejtun biss, iżda tas-Seba' Distrett kollu, li kien jikkonsisti fiż-Żejtun, Ħaż Żabbar, Ħal Għaxaq u l-Gudja. F'din il-kariga, Dr. Falzon dam seba' snin, għaliex f'Ġunju, 1846, ġie maħtur Maġistrat (11).

## 5. Dr. Francesco Saverio Dimech (1846 - 1865)

Bħal ta' qablu, Dr. Dimech kien joqgħod fiż-Żejtun. Bħalma qiegħed jiġri fi żmienna fil-każ tal-Kunsilli Lokali, li minn żmien għal żmien qegħdin jingħataw aktar reponsabbiltajiet mill-Gvern Ċentrali, hekk ġara fi żmien Dr. Dimech. Fil fatt fil-ħarġa tal-***"Malta Blue Book"*** għas-sena 1851, id-doveri tas-Sindku tqassmu fi tlieta. It-tielet taqsima tinkudi lista twila ta' **responsabbiltajiet ġodda** li ġew mgħoddija lis-Sindku fosthom it-tiswija tat-toroq. Fl-1852 inħolqu **kumitati distrettwali**. Dak taż-Żejtun, barra s-Sindku, kien jinkludi lis-Sur Orazio Abela u Dr. G.F. Magri, u kellu jieħu ħsieb il-provvista ta' ilma u l-indafa tad-distrett. **Xogħol ieħor marbut mal-kariga tas-Sindku kien dak tat-tqassim tal-karita`**. Il-Gvernatur Sir John Gaspar Le Merchant kien jiltaqa' personalment mas-Sindki kull l-ewwel Tnejn tax-xahar biex jieħu minn għandhom rapport dwar l-istat tad-distretti. Interessanti li f'dan iż-żmien, Dr. Paolo Curmi, li wara kellu jilħaq Sindku taż-Żejtun, inħatar membru tal-kumitat responsabbli mill-Belt



Dr. Paolo Curmi Cecy, Sinku taż-Żejtun fis-snin 1865 - 1890, missier Ġużeppina Nazzarenu, fundatriċi tas-Sorijiet ta' Nazzarenu.

Ħajr lis-Sinjuar Marija Curmi għal dan ir-ritratt.

Valletta. Dr. Francesco Saverio Dimech miet fiż-Żejtun nhar l-10 ta' Frar, 1865, fl-eta` ta' 64 sena (12). Jidher li ma kienx miżżewweġ, għaliex fir-reġistrazzjoni tal-mewt tiegħu ma tissemma la martu ħajja u l-anqas armla, kif soltu jsir.

## 6. Sindku Dr. Paolo Curmi Cecy (1865 - 1890)

**Dr. Curmi Cecy kien destinat li jkollu parti kbira fl-istorja taż-Żejtun.** Missieru kien jismu Vincenzo u ommu Rita, imwielda Vella (13). Kien sar avukat u żżewweġ lil Francesca, imwielda Azzopardi. Qabel mill-Belt Valletta ġie joqgħod iż-Żejtun fis-sena 1865, hu u Francesca kellhom

diġa` żewgt itfal bniet: Clementina u Ġużeppina. Fis-sena 1865, Dr. Curmi kellu 46 sena. **Kien bniedem reliġjuż ħafna** li ta trobbija tassew nisranija lil uliedu. Lista tan-nies li kienu joqogħdu fiż-Żejtun fl-1875 tgħarrafna li l-Familja Curmi kienet tgħix fi Triq Sant'Anġlu. Fiż-Żejtun il-koppja Curmi tweldulhom aktar tfal: Marija Pija, Emanuele, Salvatore u Nazzarenu. Dan Nazzarenu, l-iżgħar tifel li twieled fl-1879 sar saċerdot. Għamel żmien Kappillan ta' l-isqof Mawru Caruana u daħħal fiż-Żejtun devozzjoni kbira lejn Santa Tereża tal-Bambin Ġesu`. Miet fl-1946 (14).

## Ġużeppina Curmi

Iżda bla dubju ta' xejn kellha tkun Ġużeppina, li twieldet lil Dr. Curmi fil-Belt Valletta fl-1864, li minn fost it-tfal kollha tiegħu, **l-aktar li kellha tagħmel ġid fir-raħal taż-Żejtun**. Fiż-Żejtun ġibuha tarbija ta' sena u meta tfarfret xebba kienet tgħallem il-katekiżmu lit-tfal, l-ewwel fid-dar tal-ġenituri tagħha u mbagħad fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu. Meta darba marret pellegrinaġġ Lourdes, hi hasset **is-sejħa reliġjuża** u fis-snin ta' wara waqqfet **il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet ta' Ġesu` Nazzarenu**, li għamlu s-snin jieħdu ħsieb it-tfal orfni, mhux biss miż-Żejtun, iżda wkoll minn parroċċi oħra. Ġużeppina kellha devozzjoni kbira lejn Ġesu` Nazzarenu, umilta` straordinarja, fiduċja kbira fil-Providenza t'Alla u mħabba profonda lejn il-batuti (15).



*Ritratt tas-Sindku tas-Seba' Distrett (Żejtun) flimkien mal-Kumitat Distrettwali u l-Pulizija meħud madwar 120 sena ilu.*

*Ħajr lill-E.T. Mons. Arċisqof Emanuel Gerada għal dan ir-ritratt.*

Indubbjament, Dr. Paolo Curmi kellu influwenza qawwija fuq ir-reliġjożita` ta' wliedu, u żgur li ħafna mill-mertu tal-ħidma karitatevoli ta' Ġużeppina hi dovuta lilu. Kien midħla ħafna tall-knisja parrokkjali u l-attivitajiet organizzati minnha, tant li meta nqallbu r-reġistri tal-Fratellanzi taż-Żejtun, ismu jidher spiss. Fi żmienu sar xitnaqqis fid-distretti, b'tali mod li l-Ħames Distett (Ħal Qormi) ġie magħqud mas-Seba' Distrett (Żejtun) fis-sena 1880, u hekk Dr. Curmi sar Sindku ta' żewġ distretti f'daqqa. Hu ċar li l-Gvern Ingliż ried inaqqas l-ispejjeż li kien qiegħed jagħmel kull sena fuq id-distretti. Kien dan l-ewwel pass lejn it-tneħħija tagħhom. Dr. Curmi, li bħala Sindku kellu s-salarju ta' 190 lira sterlina fis-sena (16), miet fiż-Żejtun nhar id-29 ta' Settembru 1890, u ġie midfun fil-grotta tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat (17).

## 7. Sindklu Dr. Rocco Carbone (1890 - 1896)

Wara l-mewt ta' Dr. Paolo Curmi, kien Dr. Rocco Carboni, li diġa` qabel kien Sindku tas-Sitt Distrett, li sar Sindku taż-Żejtun. Għal xi żmien qabel hu kien aġixxa bħala wieħed mill-Maġistrati tal-Pulizija. Il-Gvern Ċentrali ried jagħmel aktar ekonomija minn fuq is-Sindki, u hekk fl-1895 reġa' sar tibdil ieħor, meta nsibu biss tliet Sindki għal seba' distretti. Hekk issa naraw lil Dr. Rocco Carbone lijrid ilaħħaq ma' tliet distretti: Il-Ħames, is-Sitta u s-Seba'. It-tmiem ta' l-esperiment tal-Gvern fi żmien l-Ingliżi kien wasal ħafna fil-viċin. Fil-fatt, fis-sena ta wara, jiġifieri **fl-1896, l-uffiċju tas-Sindki ġie abolit għal kollox** mill Gvernatur Ingliż, bil-kunsens tal-Kunsill tal-Gvern Ċentrali.

F'dan il-perjodu ta' kważi seklu sħiħ ta' Gvern Lokali fi żmien l-Ingliżi, **iż-Żejtun dejjem kellu importanza kbira**, importanza li kienet ilha ġejja minn żmien il-Gran Mastru Ferdinand Hompesch, li għolla ż-Żejtun għal dinjita` ta' Belt u mbagħad tkompliet mill-Franċiżi li waqqfu muniċipju fiż-Żejtun. Aħna fiduċjużi li l-esperiment ta' Gvern Lokali li reġa' ha l-ħajja fl-1993 ikompli bis-suċċessi li twettqu s'issa, u nawguraw lill-Onor. Kunsilliera kollha, taħt id-direzzjoni tal-**Onor. Sindku preżenti is-Sur Joe Attard**, ħidma utli u dejjiema għall-ġid taż-Żejtun u taż-Żwieten.